MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1303/1997/1

**Farr Limited**

**vs**

**Cassar Edward u b'digriet tas-26 ta' Mejju, 1998, il-Qorti ordnat il-kjamata in kawza ta' Joseph Aquilina Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof u amministratur tal-beni ta' l-entitajiet ekklesjastici djocesani kollha ta' Malta u fl-interess tal-legat ta' zwieg Aloisia Borg in Bezzina**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan l-appell jirreferi ghal kawza ta' spoll li nbdiet bejn Farr Limited u Edward Cassar. L-ispoll gie allegatament kawzat mill-konvenut Cassar fuq l-art "Ta' Harruba", Swieqi, limiti ta' San Giljan.

2. Fis-26 ta' Mejju, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat il-kjamata in kawza tal-precedessur ta' l-esponenti bhala li kien hu, cioe` l-Kurja, li bieghet l-art lil Cassar. Dan eccepixxa:-
(I) li d-ditta attrici giet dissolved u kwindi ma kellhiex aktar locus standi f'gudizzju;

(II) li f'kawza ta' spoll il-kjamata in kawza ta' l-awtur tal-konvenut hi guridikament bla sens billi spoll hu fih innifsu "una molestia di fatto" li ghaliha jrid jirrispondi l-awtur tal-molestja.

Il-kjamat fil-kawza jkompli jelabora hekk:

"Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni jinghad li Farr Limited giet xolta fit-3 ta' Dicembru, 1988, u minn dakinhar is-setghat kollha tad-direttur jieqfu ankorke l-isem tas-socjeta` ma jkunx gie "struck off" mir-Registru tas-Socjetajiet kummercjali. Ic-citazzjoni giet prezentata fid-9 ta' Gunju, 1997 – disa' snin wara x-xoljiment – giet prezentata mhux mill-istralcjarju izda mill-istess socjeta` dixxolta! Skond ma ddecidiet din l-Onorabbli Qorti stess fil-kawza "Scerri vs Abela" tal-11 ta' Jannar, 1957 (Vol. XL1 I 587) Socjeta` xolta tista` biss tesplika l-affarijiet li jkunu ghadhom in corso – li mhux il-kaz in kwistjoni ghax il-kawza infethet, kif inghad, 9 snin wara x-xoljiment. Max-xoljiment id-diretturi ma jistghux jitolbu li jirravvivaw l-attivitajiet tas-socjeta` u lanqas dan ma hu premess mil-ligi (ara sentenza tad-9 ta' Settembru, 1979 in re. "Dr Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet" u "Perit Joseph Barbara vs Abdullah el Ferghan" 29 ta' Ottubru, 1998).

L-istralcjarju u l-funzjonijiet tieghu johorgu mil-ligi taghna: hu l-persuna li tirraprezenta s-socjeta` u hu l-persuna li

tista' tiehu passi ghal xi haga li setghet avverrat ruhha qabel id-data tax-xoljiment. Quddiemna pero` ma ghandhiex il-figura ta' l-istralcjarju izda l-istess socjeta` dixxolta li qed tieghu passi mhux dwar xi haga li kienet gia` miexja fil-mument tal-likwidazzjoni izda ta' fatt ta' allegat spoll li allegatament gara (skond id-dikjarazzjoni ta' l-attur) fil-15 ta' Mejju, 1997.

Jinghad, b'rispett lejn l-ewwel Qorti, li kull referenza ghal-ligi trid issir ghal-ligi Maltija ghax dik Ingliza mhux ghal kollox konformi mal-ligi taghna."

**IS-SENTENZA APPELLATA U L-APPELL TAL-KJAMAT FIL-KAWZA NOMINE**

3. B'sentenza preliminari tat-22 ta' Gunju, 2001, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza nomine li hass ruhu aggravat u talab u ottjena l-permess mehtieg biex jinoltra appell quddiem din il-Qorti kif qieghed jaghmel.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni dwar il-kjamata in kawza ordnata fil-konfront tieghu qua l-awtur tal-konvenut, l-appellant ghadu jsostni li din hi guridikament inammissibbli billi spoll hu molestja di fatto (Collez. Vol. 31.I.297) li ghaliha jrid jirrispondi l-awtur tal-molestja. Kwindi ma kienx hemm lok il-kjamata in kawza ta' l-appellant nomine li ghandu jigi mahrug barra mill-kawza.

Ghal bqija l-appellant nomine jaghmel referenza ghal dak li gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti u jitlob li, ghallinqas fil-konfront tieghu, is-sentenza appellata tat-22 ta' Gunju, 2001, tigi revokata bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' FARR LIMITED**

4. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:
Illi s-sentenza tat-22 ta' Gunju, 2001, hija wahda gusta u timmerita konferma;

Illi fir-rigward tad-digriet tas-26 ta' Mejju, 1998, dwar il-kjamata in kawza ma gie interpost l-ebda appell minn dan u lanqas biss intalab il-permess biex appell minn dak id-

digriet jigi interpost; ghalhekk ir-riferenza ghall-irregolarita` ta' dak id-digriet huma kompletament irrilevanti ghall-ezitu tal-prezenti appell li jikkoncentra biss dwar ic-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza li kienet l-unika materja deciza bis-sentenza appellata.

Illi fil-meritu ma hux logiku li wiehed jargumenta li s-socjeta` li tkun ghaddejja minn process ta' stralc ma tistax tipprezenta kawza ta' spoll. Il-process ta' stralc ma jipprivax lis-socjeta` mill-pussess ta' dak li huwa taghha u mill-bzonn li tipprotegi u tiddefendi dak il-pussess. Ghalhekk, dik l-eccezzjoni giet korrettement michuda mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk l-appell ghandu jigi rigettat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

5. Fl-aggravji tieghu, il-kjamat fil-kawza nomine jirreferi lejn l-eccezzjonijiet illi hu ssolleva in oppozizzjoni ghat-talbiet tas-socjeta` attrici. Minbarra li hu ghadu ma jaqbilx ma' dak li gie deciz dwar il-jedd li s-socjeta` attrici ghandha li tippromwovi din il-kawza ta' spoll, huwa jerga' jillamenta mill-fatt li "di diritto" is-sejha fil-kawza tieghu b'digriet tal-Qorti kienet wahda legalment zbaljata. Madanakollu, din il-Qorti tosserva li l-appell tal-kjamat fil-kawza gie limitat ghas-sentenza in <u>parte</u> kif moghtija fit-22 ta' Gunju, 2001, (u dana) billi t-talba tieghu tirreferi biss ghall-istess sentenza u ma hemm imsemmi ebda digriet fiha, u wisq anqas ma jidher, fi kwalsiasi kaz, li ntalab u gie ottenut permess ta' appell minn tali digriet. Ghalhekk, u kif allura gie tajjeb rilevat mis-socjeta` appellata kull riferenza dwar irregolarita` o meno relativa ghad-digriet li bih hu gie kkjamat fil-kawza hi rrilevanti ghar-rizoluzzjoni ta' dana l-appell.

6. L-appell tal-kjamat fil-kawza ghalhekk huwa cirkoskritt ghac-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu. L-appellant jissottometti li minn dakinhar li s-socjeta` giet xjolta, igifieri fis-3 ta' Dicembru, 1988, hija setghet biss tesplika dawk l-affarijiet li jkunu ghadhom "in corso" – ara sentenza ta' din il-Qorti in re: <u>Scerri –vs- Abela</u> tal-11 ta' Jannar, 1957

(Koll. Vol XLI – I – 587). Ma hemmx ghalfejn li l-kumpanija tigi wkoll ikkancellata formalment mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali. Fil-kaz in ezami, lanqas biss ma rrizulta li ttiehdu passi mill-istalcjarju izda jidher invece li kienet l-istess socjeta` dixxolta li agixxiet f'isimha dwar fatt li allegatament sehh waqt il-process ta' likwidazzjoni.

7. Wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan l-aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm tassew jirrizultalha illi s-socjeta` attrici giet dixxolta qabel ma gie kommess l-allegat spoll, l-istess socjeta` xorta wahda baqghet tgawdi l-personalita` guridika taghha sakemm ikun ghadu ghaddej il-process ta' likwidazzjoni, liema process jikkomprendi dak id-dritt li s-socjeta` tippriserva l-assi taghha. Ma huwiex ikkontestat il-fatt illi s-socjeta` attrici, fil-mument li agixxiet biex tispurga l-ispoll, kienet ghadha ma gietx ikkancellata ("struck-off") mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali. Fil-kawza in re Dr. Leslie Grech –vs- Registratur tas-Socjetajiet deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 1979, gie gustament ritenut u affermat li
"Bix-xoljiment tal-kuntratt ma tispiccax il-personalita` guridika tas-socjeta` stante li din tispicca meta jsir il-kancellament mir-Registru".

Fis-sentenza appellata saret riferenza ghal dak li kien ikkontribwixxa in materja l-kompjant Professur Felic Cremona li kien ta' l-istess fehma, kif ukoll gew citati estensivament awturi maghrufin Inglizi fil-qasam tal-"Company Law" li wkoll huma ta' l-istess opinjoni. Bil-fatt li l-appellant jghid biss li l-ligi taghna ma taqbilx f'kollox ma' dik Ingliza u ma jelabora xejn aktar ma huwiex argument sod bizzejjed biex il-posizzjoni kif affermata mill-Qorti ta' l-ewwel grad tigi mhassra u mibdula.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju, 2001, tichad l-appell tal-kjamat fil-kawza nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-

ewwel Qorti ghal fini ta' trattazzjoni u decizjoni skond il-ligi fuq il-bqija tal-mertu li ghadu ma giex deciz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------